**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 22 ta' Marzu 2017**

**App. Nru. 357 / 2013 DS**
**App. Nru. 358 / 2013 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Maria Elena Serag**
**Maria Concetta Zammit**
**...** ***omissis*** **...**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Maria Elena Serag, detentriċi tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 404672(M), Maria Concetta Zammit detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 211871(M) u *omissis* talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u liema atti ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

(1) fil-31 ta' Ottubru 2009 ġewwa Bormla u ġewwa dawn il-Gżejjer bil-ħsieb li jestorċu flus jew xi ħaġa oħra, jew li jagħmlu xi qliegħ, jew bil-ħsieb li jġiegħlu lil persuna oħra u cioe` lil John Abela minn Zabbar, esegwixxu, iddistruggew, qallbu, jew biddlu testment jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew għamlu jew naqsu milli jagħmlu xi haga, heddew li jagħmlu

denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħtu malafama lil dik il-persuna jew persuna ohra u kawża ta' dan huma waslu għall-ħsieb tagħhom;

(2) bejn l-10 u l-11 ta' Novembru 2009 ġewwa Zabbar u ġewwa dawn il-Gżejjer bil-ħsieb li jestorċu flus jew xi ħaġa oħra, jew li jagħmlu xi qligħ, jew bil-ħsieb li jġiegħlu lil persuna oħra u cioe` lil John Abela minn Zabbar, jesegwixxi, jiddistruġġi, iqalleb jew ibiddel testment jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, heddew li jagħmlu denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħtu malafama lil dik il-persuna jew persuna oħra u kawża ta' dan huma waslu li jagħtu malafama lil dik il-persuna jew persuna oħra u kawża ta' dan huma waslu għall-ħsieb tagħhom;

(3) fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi taw fastidju lil John Abela b'mod li kienu jafu jew misshom kienu jafu li b'tali mġieba kienu ser jikkaġunaw fastidju fuq ħaddieħor;

(4) fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi heddew bi kliem lil John Abela;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Lulju 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 250(1) u (2), 251A u 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u l-artikolu 37 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-konfront ta' *omissis*; sabet lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħhom u għalhekk ordnat li *omissis* titqiegħed taħt Ordni ta' Probation għal perijodu ta' tliet snin, ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta; lil Maria Elena Serag u lil Maria Concetta Zammit ikkundannathom piena ta' sitt xhur priġunerija sospiżi għal sentejn, ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; inoltre ordnat lil Maria Elena Serag u lil Maria Concetta Zammit iħallsu s-somma ta' hmistax-il elf Ewro, tliet mija w sebgħa w erbgħin Ewro, ħamsa w għoxrin ċenteżmu (€15,374.25) lil John Abela fi żmien sitt xhur, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; kif ukoll ordnat il-konfiska tal-ammont ta' flus elevati mill-Pulizija minn fuq l-imputati fl-ammont ta' erbat elef u hamsin Ewro (€4,050);

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Maria Concetta Zammit ippreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Lulju 2013 fejn talbet li din il-Qorti:

1. Tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjaraha mhux ħatja u tilliberaha skond il-liġi;

2. Alternattivament u mingħajr pregudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, tħassarha fil-parti tal-piena billi minflok tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ;

3. Alternattivament mingħajr preġudizzju għat-talbiet preċedenti, f'każ li l-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata kemm rigward sejbien ta' ħtija kif ukoll għal dak li jirrigwarda l-piena, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' €4,050 u minflok tawtorizza li tali flejjes jiġu żbankati mill-*Parte Civile* akkont tas-somma dovuta lilu skond l-istess sentenza;

**4.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Maria Elena Serag ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Lulju 2013, fejn talbet lil din il-Qorti:

1. Tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjaraha mhux ħatja u tilliberaha skond il-liġi;

2. Alternattivament u mingħajr pregudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, tħassarha fil-parti tal-piena billi minflok tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ;

3. Alternattivament mingħajr preġudizzju għat-talbiet preċedenti, f'każ li l-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata kemm rigward sejbien ta' ħtija kif ukoll għal dak li jirrigwarda l-piena, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' €4,050 u minflok tawtorizza li tali flejjes jiġu żbankati mill-*Parte Civile* akkont tas-somma dovuta lilu skond l-istess sentenza;

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** Rat illi l-aggravji tal-appellanti Maria Concetta Zammit huma s-segwenti:

> "(1) Illi inkwantu fl-evalwazzjoni tal-provi u konsegwentament fid-dikjarazzjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti ta' sejbien ta' htija fl-appellanti, l-ewwel Onorabli Qorti strahet fil-bicca l-kbira fuq l-istqarrijiet allegatament rilaxxjati mill-imputat fid-data u fuq provi naxxenti mill-istess stqarrijiet, id-difiza kienet ga qajmet il-punt li dawn l-istqarrijiet ma kienux ammissibbli skond il-ligi u ghaldaqstant il-Qorti ma setghet taghti l-ebda valur probatorju lil istess. Dan inghad u qed jerga' jinghad fid-dawl ta' sentenzi tal-Qrati Maltin fil-kompetenza taghhom Kostituzzjonali li ripetutament u konsistentement iddikjaraw li stqarrijiet mehuda minghand persuni li lilhom ma inghatax id-dritt ta' assistenza legali kif ukoll provi migbura a bazi tal-istess stqarrijiet huma inammissibli bhala prova kontra l-istess persuni ghaliex in-nuqqas ta' assistenza legali kien lesiv tad-drittijiet kostituzzjonali tal-istess persuni. Ta min jinnota is-segwenti:
> 1. Il-fedina penali netta tal-appellanti;
> 2. Il-fatt li l-appellanti mhijiex xi kriminali ta' esperjenza;
> 3. Illi dan kien l-ewwel kaz fejn l-imputata sabet ruhha f'sitwazzjoni li gew interrogati mill-Pulizija.

"Ghaldaqstant gia la darba l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet referenza kopjuza ghal dawn l-istqarrijiet u strahet kwazi esklussivament fuq l-istess stqarrijiet u provi naxxenti mill-istess, is-sentenza appellata ghandha tigi revokata fl-intier taghha fis-sens li l-istqarrijiet tal-imputata tigi dikjarata bhala mhux ammissibli konsegwentement jigu sfilzati mill-atti processwali u finalment l-appellanta tigi mehlusa minn kull htija stante li l-kaz tal-prosekuzzjoni jistrieh interament fuq tali stqarrijiet.

"(2) Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti it-tieni aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

"Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost minn qari akkurat tas-sentenza appellata jidher illi ghalkemm l-ewwel Onorabbli Qorti ittrattat ir-rizultanzi processwali, l-esponent huwa tal-umli fehma illi in linea generali, dawn ir-rizultanzi processwali huma nieqsa mill-piz ta' prova rikjesta fil-kamp penali, li ghandha twassal sal-grad tac-certezza morali.

"Illi l-prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-esponenti u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi w cioe` dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward tal-htija tal-imputata li per konsegwenza hija 'unsafe and unsatisfactory'.

"Jigi rilevat li l-prosekuzzjoni falliet milli tipprova l-kaz taghha fuq zewg binarji sia dak li jirrigwarda l-*actus reus* u sia dak li jirrigwarda *mens rea*. Kif diga` rilevat mid-difiza fit-trattazzjoni taghha tat-30 ta' Mejju 2013, minkejja l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni, l-istess prosekuzzjoni naqset milli ggib il-prova rikjesta mill-ligi u cioe` prova ta' l-att li bih giet imwettqa l-allegata estorsjoni. Issemmew diversi ritratti minn John Abela pero` lanqas ritratt wiehed ma ngab. Il-prosekutur fit-trattazzjoni tieghu fit-30 ta' Mejju 2013 ipprova jilqa' ghal dan billi jghid li l-imputat stess kienet qalet li dan ir-ritratt kienet qattghetu. Dan pero` hu inkorrett ghaliex l-imputati ma setghux qatt qattghu r-ritratti fl-ewwel episodju tal-allegat estorzjoni sakemm ma kellhomx xi kamera istantanja tar-ritratti li tizviluppa r-ritratti dak il-hin stess u l-istess John Abela jghid li allegatament anke fl-episodji l-ohra baqa' jigi mhedded b'dawn ir-ritratti. Anke jekk ghas-sahha tal-argument kif donnu hemm xi forma ta' allegazzjoni mill-prosekuzzjoni, dawn ir-ritratti ttiehdu b'xi telefon cellulari, il-prosekuzzjoni setghet facilment titlob li t-telefon cellulari, il-prosekuzzjoni, dawn ir-ritratti ttiehdu b'xi telefon cellulari. Wiehed ghalhekk malajr jifhem kemm il-verzjoni ta' John Abela ma hijiex wahda kredibbli u li kuntrarjament ghal dak li allega ma kienx il-fatt li l-imputata marret wara l-bieb tieghu biex terga' titolbu xi flus li skatta dan il-kaz kollu, izda kien il-fatt li l-istess imputati marru qrib ir-residenza tieghu sabiex iwissuh sabiex ma jibqax idejjaq lil Maria Concetta Zammit, u sabiex jatti xturu mal-familjari tieghu li issa ma setax jibqa' jahbi minnhom dak li kien qed jaghmel, ghamel rapport li l-imputati b'xi mod kienet wettqu estorsjoni fuqu. Il-verita` tal-kaz ma huwiex li l-imputati approfittaw mid-debolizza ta' John Abela izda li John Abela fil-hazen kollu tieghu, approfitta mis-sitwazzjoni pjetuza, ta' faqar u problemi socjali tal-imputata Maria Concetta Zammit sabiex jottjeni favuri sesswali u jissodisfa z-zina tieghu.

"Il-prosekuzzjoni strahet biss fuq numru ta' fatti li pessima ipotesi jikkostitwixxu biss provi cirkostanzjali li kif jghallmuna l-awturi: 'Circumstantial evidence may be the best evidence but may be the most deceitful' Hekk, per ezempju ghalkemm John Abela ittanta li jgib il-prova li fiz-zminijiet in kwistjoni huwa gibed xi flejjes mill-kontijiet bankarji tieghu, bl-ebda mod ma saret il-prova ta' ness bejn tali *withdrawals* u l-allegat estorsjoni. Wiehed sempliciment jistaqsi: fi zminijiet in kwistjoni John Abela ma hallas xejn hlief ghal estorzjoni? Ma nefaq xejn ghalih u ghal familtu? Ma nefaq xejn sabiex ihallas spejjez li seta' kellu? Anke ta' affarjiet bazici ghal konsum ta' dawl u ilma u uzu tat-telefon? Jew fuel?

"Wiehed ma jistax ukoll ma jishaqx fuq il-kredibilita` tax-xhieda u tal-verzjonijiet moghtija. Hawnhekk issir referenza ampja ghax-xhieda tat-tlett imputati u partikolarment dik ta' Omissis li mhux talli kellha tghaddi umiljazzjoni li tara ragel ta l-eta` ta' John Abela japprofitta mis-sitwazzjoni meskina taghha u t'ommha izda kellha tghaddi minn trattament xejn komplimentuz waqt l-interrogazzjoni taghha kif jidher ben car mix-xhieda taghha.

"Finalment wiehed ma jistax ma jsemmix li bhal ma naqset li ggib il-prova tal-*actus reus* il-prosekuzzjoni wisq anqas ma gabet xi prova tal-*mens rea* tal-imputata. Fil-fatt il-prosekuzjoni dejjem strahet fuq l-allegati fatti u jidher li ma ghamlitx distinzjoni bazika fil-ligi bejn il-motiv u l-intenzjoni. Dak li kellha tipprova l-prosekuzzjoni ma kienx motiv izda l-intenzjoni. Seta' kien hemm motiv kemm kien hemm, sabiex l-imputata twettaq l-atti allegatament konnessi minnha, huwa ghal kollox irrelevanti jekk ma ssirx il-prova tal-intenzjoni rikjesta mill-ligi.

"(3) Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti it-tielet aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

"L-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet applikazzjoni hazina u erronea tal-ligi f'dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat il-konfiska tal-flus elevata mill-pulizija minn fuq l-imputata fl-ammont ta' erbat elef u hamsin ewro.

"Minn harsa lejn l-atti wiehed malajr jintebah li la fl-akkuza originali u lanqas fil-kors tal-proceduri ma saret xi talba mill-prosekuzjoni ghall-konfiska ta' dawn il-flejjes. Lanqas saret xi talba ta' ffrizar tal-assi tal-imputata minn naha tal-prosekuzzjoni. Ghall-kuntrarju, il-posizzjoni tal-prosekuzzjoni u anke tal-*parte civile* kif jidher ben car mit-trattazzjoni minnhom maghmula fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2013, dejjem kienet dik li dawn il-flejjes kellhom jghaddu lil John Abela, l-allegat vittma sabiex jigi rimborsat il-flejjes allegatament imhallsa minnu ndebitament. Minflok l-ewwel Onorabbli Qorti minghajr ebda referenza lejn xi artikolu jew dispozizzjoni tal-ligi ordnat il-konfiska ta' dawn il-flejjes a favur il-Gvern ta' Malta. B'dan illi konsegwentament l-imputat qed tigi penalizzata doppjament ghaliex flus li setghu marru biex jigi rimborsat il-*Parte Civile* gew inutilment konfiskati favur il-Gvern ta' Malta u f'kaz li din l-Qorti tal-Appell tikkonferma is-sentenza appellata inkwantu ghas-sejbien ta' htija kif ukoll ghall-ordni ta' hlas ta' €15373.25, l-imputata mhux talli ha tkun tilfet is-somma ta' erbat elef u hamsin ewro izda finalment se jkunu gew ikkundannati ihallsu s-somma ta' €19,774.25. Inoltre minghajr pregudizzju ghal dak espost f'dan l-aggravju l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt taghmel l-ordni ta' hlas hekk

kif minnha maghmul fin-nuqas ta' prova lil hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni tal-ammont attwalment imhallas minn John Abela. In-nuqqas ta' tali ordni ta' hlas bl-ebda mod ma' kien se jippregudika lil John Abela mid-dritt civili tieghu li jirkupra l-flejjes allegatament imhallsin indebitament minnu mentri tali ordni ta' hlas qeghda iccahhad lil appellanti mid-dritt tad-doppju ezami fuq dan il-punt li kien ikun koncess lilhom f'kaz ta' proceduri civili.

"(4) Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti ir-raba' aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

"Dato ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-aggravji tal-appellanti u xorta ssib htija fiha, il-piena nflitta fuq l-appellanta minn l-ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u mhux proporzjonata ghall-portata ta' dan il-kaz. Fil-fehma tal-esponenta ikun xieraq li jkun hemm temperament fil-piena u li tinghata piena li tkun aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz."

**7.** Rat illi l-aggravji tal-appellanti Maria Elena Serag huma s-segwenti:

"(1) Illi inkwantu fl-evalwazzjoni tal-provi u konsegwentament fid-dikjarazzjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti ta' sejbien ta' htija fl-appellanti, l-ewwel Onorabli Qorti strahet fil-bicca l-kbira fuq l-istqarrijiet allegatament rilaxxjati mill-imputat fid-data u fuq provi naxxenti mill-istess stqarrijiet, id-difiza kienet ga` qajmet il-punt li dawn l-istqarrijiet ma kienux ammissbbli skond il-ligi u ghaldaqstant il-Qorti ma setghet taghti l-ebda valur probatorju lil istess. Dan inghad u qed jerga' jinghad fid-dawl ta' sentenzi tal-Qrati Maltin fil-kompetenza taghhom Kostituzzjonali li ripetutament u konsistentement iddikjaraw li stqarrijiet mehudh minghand persuni li lilhom ma inghatax id-dritt ta' assistenza legali kif ukoll provi migbura a bazi tal-istess stqarrijiet huma inamissibli bhala prova kontra l-istess persuni ghaliex in-nuqqas ta' assistenza legali kien lesiv tad-drittijiet kostituzzjonali tal-istess persuni. Ta min jinnota is-segwenti:

1. Il-fedina penali kwazi netta tal-appellanti;
2. Il-fatt li l-appellanti mhijiex xi kriminali ta' esperjenza;
3. Illi dan kien l-ewwel kaz fejn l-imputata sabet ruhha f'sitwazzjoni li gew interrogati mill-Pulizija.

"Ghaldaqstant gia la darba l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet referenza kopjuza ghal dawn l-istqarrijiet u strahet kwazi esklussivament fuq l-istess stqarrijiet u provi naxxenti mill-istess, is-sentenza appellata ghandha tigi revokata fl-intier taghha fis-sens li l-istqarrijiet tal-imputata tigi dikjarata bhala mhux ammissibli konsegwentement jigu sfilzati mill-atti processwali u finalment l-appellanta tigi mehlusa minn kull htija stnate' li l-kaz tal-prosekuzzjoni jistrieh interament fuq tali stqarrijiet.

"(2) Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedent it-tieni aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

"Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost minn qari akkurat tas-sentenza appellata jidher illi ghalkemm l-ewwel Onorabbli Qorti ittrattat ir-rizultanzi processwali, l-esponent huwa tal-umli fehma illi in linea generali, dawn ir-rizultanzi processwali

huma nieqsa mill-piz ta’ prova rikjesta fil-kamp penali, li ghandha twassal sal-grad tac-certezza morali.

“Illi l-prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-esponenti u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi w cioe` dak fi grad ta’ certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward tal-htija tal-imputata li per konsegwenza hija ‘unsafe and unsatisfactory’.

“Jigi rilevat li l-prosekuzzjoni falliet milli tipprova l-kaz taghha fuq zewg binarji sia dak li jirrigwarda l-*actus reus* u sia dak li jirrigwarda *mens rea*. Kif diga` rilevat mid-difiza fit-trattazzjoni taghha tat-30 ta’ Mejju 2013, minkejja l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni, l-istess prosekuzzjoni naqset milli ggib il-prova rikjesta mill-ligi u cioe` prova ta’ l-att li bih giet imwettqa l-allegata estorsjoni. Issemmew diversi ritratti minn John Abela pero` lanqas ritratt wiehed ma ngab. Il-prosekutur fit-trattazzjoni tieghu fit-30 ta’ Mejju 2013 ipprova jilqa’ ghal dan billi jghid li l-imputat stess kienet qalet li dan ir-ritratt kienet qattghetu. Dan pero` hu inkorrett ghaliex l-imputati ma setghux qatt qattghu r-ritratti fl-ewwel episodju tal-allegat estorzjoni sakemm ma kellhomx xi kamera istantanja tar-ritratti li tizviluppa r-ritratti dak il-hin stess u l-istess John Abela jghid li allegatament anke fl-episodji l-ohra baqa’ jigi mhedded b’dawn ir-ritratti. Anke jekk ghas-sahha tal-argument kif donnu hemm xi forma ta’ allegazzjoni mill-prosekuzzjoni, dawn ir-ritratti ttiehdu b’xi telefon cellulari, il-prosekuzzjoni setghet facilment titlob li t-telefon cellulari, il-prosekuzzjoni, dawn ir-rittrati ttiehdu b’xi telefon cellulari. Wiehed ghalhekk malajr jifhem kemm il-verzjoni ta’ John Abela ma hijiex wahda kredibbli u li kuntrarjament ghal dak li allega ma kienx il-fatt li l-imputata marret wara l-bieb teighu biex terga’ titolbu xi flus li skatta dan il-kaz kollu, izda kien il-fatt li l-istess imputati marru qrib ir-residenza teighu sabiex iwissuh sabiex ma jibqax idejjaq lil Maria Concetta Zammit, u sabiex jatti xturu mal-familjari tieghu li issa ma setax jibqa’ jahbi minnhom dak li kien qed jaghmel, ghamel rapport li l-imputati b’xi mod kienet wettqu estorsjoni fuqu. Il-verita` tal-kaz ma huwiex li l-imputati approfittaw mid-debolizza ta’ John Abela izda li John Abela fil-hazen kollu tieghu, approfitta mis-sitwazzjoni pjetuza, ta’ faqar u problemi socjali tal-imputata Maria Concetta Zammit sabiex jottjeni favuri sesswali u jissodisfa z-zina tieghu.

“Il-prosekuzzjoni strahet biss fuq numru ta’ fatti li pessima ipotesi jikkostitwixxu biss provi cirkostanzjali li kif jghallmuna l-awturi: ‘Circumstantial evidence may be the best evidence but may be the most deceitful’ Hekk, per ezempju ghalkemm John Abela ittanta li jgib il-prova li fiz-zminijiet in kwistjoni huwa gibed xi flejjes mill-kontijiet bankarji tieghu, bl-ebda mod ma saret il-prova ta’ ness bejn tali *withdrawals* u l-allegat estorsjoni. Wiehed sempliciment jistaqsi: fi zminijiet in kwistjoni John Abela ma hallas xejn hlief ghal estorzjoni? Ma nefaq xejn ghalih u ghal familtu? Ma nefaq xejn sabiex ihallas spejjez li seta’ kellu? Anke ta’ affarjiet bazici ghal konsum ta’ dawl u ilma u uzu tat-telefon? Jew fuel?

“Wiehed ma jistax ukoll ma jishaqx fuq il-kredibilita` tax-xhieda u tal-verzjonijiet moghtija. Hawnhekk issir referenza ampja ghax-xhieda tat-tlett imputati u partikolarment dik ta’ Omissis li mhux talli kellha tghaddi umiljazzjoni li tara ragel ta l-eta` ta’ John Abela japprofitta mis-sitwazzjoni meskina taghha u

t'ommha izda kellha tghaddi minn trattament xejn komplimentuz waqt l-interrogazzjoni taghha kif jidher ben car mix-xhieda taghha.

"Finalment wiehed ma jistax ma jsemmix li bhal ma naqset li ggib il-prova tal-*actus reus* il-prosekuzzjoni wisq anqas ma gabet xi prova tal-*mens rea* tal-imputata. Fil-fatt il-prosekuzjoni dejjem strahet fuq l-allegati fatti u jidher li ma ghamlitx distinzjoni bazika fil-ligi bejn il-motiv u l-intenzjoni. Dak li kellha tipprova l-prosekuzjoni ma kienx mottiv izda l-intenzjoni. Seta' kien hemm motiv kemm kien hemm, sabiex l-imputata twettaq l-atti allegatament konnessi minnha, huwa ghal kollox irrelevanti jekk ma ssirx il-prova tal-intenzjoni rikjesta mill-ligi.

"(3) Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti it-tielet aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

"L-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet applikazzjoni hazina u erronea tal-ligi f'dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat il-konfiska tal-flus elevata mill-pulizija minn fuq l-imputata fl-ammont ta' erbat elef u hamsin ewro.

"Minn harsa lejn l-atti wiehed malajr jintebah li la fl-akkuza originali u lanqas fil-kors tal-proceduri ma saret xi talba mill-prosekuzjoni ghal-konfiska ta' dawn il-flejjes. Lanqas saret xi talba ta' ffrizar tal-assi tal-imputata minn naha tal-prosekuzzjoni. Ghall-kuntrarju, il-posizzjoni tal-prosekuzzjoni u anke tal-*parte civile* kif jidher ben car mit-trattazzjoni minnhom maghmulha fis-seduta tat-30 ta' Mejju, 2013, dejjem kienet dik li dawn il-flejjes kellhom jghaddu lil John Abela, l-allegat vittma sabiex jigi rimborsat il-flejjes allegatament imhallsa minnu ndebitament. Minflok l-ewwel Onorabbli Qorti minghajr ebda referenza lejn xi artikolu jew dispozizzjoni tal-ligi ordnat il-konfiska ta' dawn il-flejjes a favur il-Gvern ta' Malta. B'dan illi konsegwnetament l-imputat qed tigi penalizzata doppjament ghaliex flus li setghu marru biex jigi rimborsat il-*Parte Civile* gew inutilment konfiskati favur il-Gvern ta' Malta u f'kaz li din l-Qorti tal-Appell tikkonferma is-sentenza appellata inkwantu ghas-sejbien ta' htija kif ukoll ghall-ordni ta' hlas ta' €15373.25, l-imputata mhux talli ha tkun tilfet is-somma ta' erbat elef u hamsin ewro izda finalment se jkunu gew ikkundannati ihallsu s-somma ta' €19,774.25. In oltre minghajr pregudizzju ghal dak espost f'dan l-aggravju l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt taghmel l-ordni ta' hlas hekk kif minnha maghmul fin-nuqas ta' prova lil hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni tal-ammont attwalment imhallas minn John Abela. In-nuqqas ta' tali ordni ta' hlas bl-ebda mod ma' kien se jippregudika lil John Abela mid-dritt civili tieghu li jirkupra l-flejjes allegatament imhallsin indebitament minnu mentri tali ordni ta' hlas qeghda iccahhad lil appellanti mid-dritt tad-doppju ezami fuq dan il-punt li kien ikun koncess lilhom f'kaz ta' proceduri civili.

"(4) Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti ir-raba' aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

"Dato ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-aggravji tal-appellanti u xorta ssib htija fiha, il-piena nflitta fuq l-appellanta minn l-ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u mhux proporzjonata ghall-portata ta' dan il-kaz. Fil-fehma tal-esponenta ikun xieraq li jkun hemm temperament fil-piena u li tinghata piena li tkun aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz."

**8.** Kwantu għall-ewwel aggravju, jingħad illi filwaqt illi quddiem l-ewwel Qorti d-difiża saħqet li l-istqarrijiet ta' l-appellanti ma kinux ammissibbli għax kienu saru mingħajr ma kienu ngħataw assistenza legali, meta ġiet biex tixhed l-appellanti Serag, id-difiża bdiet biex qratilha l-ewwel stqarrija rilaxxata minnha sabiex tgħid jekk tikkonfermahiex jew le, probabilment għax ma jistax jingħad li din l-istqarrija tikkontjeni xi dikjarazzjonijiet inkriminatorji, anzi hemm numru ta' mistoqsijiet li t-tweġiba għalihom kienet "Nitkellem quddiem avukat".

**9.** Il-kwistjoni dwar l-aċċess għal avukat waqt l-istadju ta' l-interrogazzjoni ġie spiss dibattut mill-Qrati tagħna. Issa, f'**Borg vs Malta**[1] il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem qalet preċiżament hekk:

> "1. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see *Salduz v. Turkey* [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).
>
> "2. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see *Salduz*, cited above, § 55).
>
> "3. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).
>
> "....
>
> "4. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see *Salduz*, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in

[1] 12th January 2016.

the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).

“5. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see *Salduz*, cited above, §§ 52, 55 and 56).

“6. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.”

**10.** Wara din is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali tagħna għal darb’oħra kkunsidrat il-kwistjoni f’diversi okkażjonijiet[2]. F’**Carmel Saliba vs L-Avukat Ġenerali** deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta’ Mejju 2016, dik il-Qorti qalet:

**“17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta’ Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa’ għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta’ persuna akkużata b’reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta’ Borg v. Malta mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.**

**“18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta’ Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta’ buon sens.**

**“19. Is-sentenza ta’ Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta’ Dimech[3] fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.**

**“20. Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta’ għajnuna ta’ avukat ma kienx nuqqas li ma jista’ jkollu ebda konsegwenza ta’ preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.**

2 Ara, per eżempju: **Carmel Saliba vs L-Avukat Ġenerali**, 16 ta’ Mejju 2016; **Stephen Nana Owusu vs L-Avukat Ġenerali**, 30 ta’ Mejju 2016; **Malcolm Said vs Avukat Ġenerali et**, 24 ta’ Ġunju 2016; **Aaron Cassar vs L-Avukat Ġenerali et**, 11 ta’ Lulju 2016.
3 Q.E.D.B. 2 ta’ April 2015, rik 34373/13.

**"21. Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta' dak kollu li ngħad fuq, partikolarment is-sentenza ta' Dimech il-ksur iseħħ jekk u meta jsir użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali. Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistgħu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raġuni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr.**

**"22. Għalhekk il-qorti sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta tteħditlu l-istqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra l-attur, ma hijiex sejra tħassar l-ordni tal-ewwel qorti għat-tneħħija tal-istqarrija mill-inkartament tal-proċess...."**

**11.** Huwa evidenti minn din is-sentenza li, filwaqt li f'**Borg vs Malta** l-proċeduri kriminali kienu ġew konklużi, f'**Saliba**, fejn il-proċeduri ma kinux għadhom ġew terminati, il-Qorti Kostituzzjonali wkoll iddeċidiet li l-istqarrija ta' l-akkużat kellha titneħħa.

**12.** Fil-każ in eżami, kemm l-appellanti Serag kif ukoll l-appellanti ġew interrogati mill-Pulizija mingħajr ma ngħataw aċċess għal avukat, u dan fi żmien meta kien hemm "a systemic restriction applicable to all accused persons". Huma b'hekk irrilaxxjaw stqarrijiet mingħajr tali assistenza.

**13.** L-Avukat Ġenerali lanqas ma adduċa "compelling reasons" li setgħu jiġġustifikaw in-negazzjoni liż-żewġ appellanti ta' aċċess għal avukat fl-istadju ta' l-interrogazzjoni.

**14.** Filwaqt li ma ntweriex u lanqas ma ġie allegat li l-istqarrijiet in kwistjoni ttieħdu bi vjolazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-ammissibilita` ta' stqarrija ta' akkużat skont kif provdut fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali, nonostante cio`, għar-raġunijiet indikati, in-negazzjoni tad-dritt ta' assistenza legali "at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement".[4]

**15.** Konsegwentement l-ewwel aggravju qiegħed jiġi milqugħ u l-istqarrijiet taż-żewġ appellanti dikjarati inammissibbli.

**16.** It-tieni aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx

[4] Ara **The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor**, 1 ta' Diċembru 2016.

raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

**17.** Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha li nġabu. Naturalment ma ħaditx konjizzjoni ta' l-istqarrijiet ta' l-appellanti, bħalma skartat ukoll ix-xiehda li tat Omissis quddiem l-ewwel Qorti peress li din kienet ko-imputata. Evidentement mill-provi, u senjatament mix-xiehda ta' John Abela u dik taż-żewġ appellanti, joħorġu verżjonijiet kontrastanti. Iżda huwa ben stabbilit illi mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni mixlija. Fil-kawża "Il-Pulizija v. Joseph Thorne" deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003 il-Qorti qalet li **"... mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enunċjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9, u tasal għall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex se temmnu jew ma temmnux."**[5]. Il-Qorti tal-Maġistrati għamlet proprju dan l-eżerċizzju u waslet għall-konklużjoni illi l-verżjoni mogħtija minn John Abela kienet aktar kredibbli.

**18.** U bħalma ntqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Brian Caruana** deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Mejju 2002: "Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmel il-ġudikant u jekk il-konklużjoni li jkun wasal għaliha il-ġudikant tkun perfettament raġġunġibbli bl-użu tal-loġika u l-buon sens u bażata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'oħra anki jekk mhux neċessarjament tkun l-unika konklużjoni possibbli."

**19.** Għalkemm l-ewwel Qorti kkunsidrat ukoll l-istqarrijiet ta' l-imputati, din il-Qorti tgħid li xorta hija tal-fehma li, mingħajr konsiderazzjoni tagħhom, il-provi l-oħra jistgħu jwasslu għall-istess konklużjoni.

**20.** L-ewwelnett, anke jekk stess fil-31 ta' Ottubru 2009 meta seħħ l-ewwel inċident, John Abela mar volontarjament suppost biex jirċievi kumpens differenti minn dak monetarju għall-kont li l-appellanti Zammit kellha pendenti miegħu, il-fatt li dakinhar stess, wara l-istorbju li qam – ossia tqajjem – minn Ommissis u l-appellanti Serag, huwa mar jiġbed flus mill-Bank biex jgħaddihom lill-appellanti Serag – ħaġa pruvata mill-voucher tal-HSBC Dok FF2 a fol. 52 – hija prova elokwenti ta' dak li qal Abela fix-xiehda tiegħu li tteħdulu ritratti meta kien bla ħwejjeġ ma' l-appellanti Zammit li wkoll kienet fi stat avvanzat ta' spoljiment, u li huwa ma riedx li l-familja tiegħu ssir taf b'din l-istorja. Jiġifieri ċ-ċirkostanzi kif ippreżentaw ruħhom lil Abela kienu ta' theddida għall-ħajja familjari tiegħu jekk ma jħallasx il-flus. B'hekk kien lest iħallas is-somma ta' Lm2,800 li kienet semmiet l-appellanti Serag bħala dovuti

[5] ara ukoll "Ir-Repubblika ta' Malta versus Dennis Pandolfino et", 19 ta' Ottubru 2006

mill-appellanti Zammit. Serag stess fix-xiehda tagħha tgħid li semmiet somma, għalkemm hi tgħid €4,000. Il-fatti juru li l-appellanti kienu komparteċipi f'dak li seħħ fil-31 ta' Ottubru 2009. Kieku ma kinitx sitwazzjoni "maħduma", min kien se joqgħod jitkellem fuq x'kien dovut u mhux dovut minn waħda mill-komparteċipanti?

**21.** Din il-Qorti tosserva wkoll li jekk, bħalma ssostni l-appellanti Zammit, John Abela kien qiegħed itiha fastidju, setgħet tieħu l-pass ovvju u naturali li tirrapportah lill-Pulizija. Dan m'għamlitux. Jekk ma kinitx hi li stiednet lil Abela għal favuri sesswali u kien hu li pprova jimponi ruħu fuqha, kellha l-istess tirrapportah lill-Pulizija. Dan m'għamlitux. Fil-fatt ma għamlet l-ebda allegazzjoni li kien hu li neżagħha – mela spiċċat bil-ħwejjeġ ta' taħt b'opera tagħha nnifisha. Dan ukoll ikompli jsaħħaħ il-ħsieb tal-Qorti dwar 'l għaliex ġara li ġara.

**22.** Is-*sequitur* ukoll juri li l-inċident tal-31 ta' Ottubru 2009 ma kienx wieħed koinċidentali. John Abela ħaseb li l-kwistjoni kienet se tieqaf hemm. Iżda, jixhed John Abela, ftit ġranet wara ġie avviċinat minn Omissis u l-appellanti Serag u ġie mhedded li se jmorrulu d-dar u jgħidu lil martu b'dak li kien ġara. Did-darba ġie mitlub Lm3,000. Peress li seta' jġib il-flus l-għada, intalab Lm3800. Huwa ġibed l-ammont mill-Bank of Valletta l-għada (ara vouchers a fol. 53 u 54) u għaddhielhom il-flus. X'setgħet tkun ir-raġuni li tahom aktar flus jekk mhux għax verament ġie mhedded? Meta aktar 'il quddiem reġgħu marru jfittxuh Omissis u l-appellanti Serag id-dar tiegħu, ikkuntattja lill-Pulizija.

**23.** Issir referenza wkoll għax-xiehda ta' P.C. 814 Gordon Stanmore u P.C. 941 Mario Schembri dwar l-aġir ta' Omissis u l-appellanti Serag. Jgħidu li, wara r-rapport ta' Abela marru fuq il-post, iżda qabel ma waslu ħdejn il-bieb ta' John Abela nnutaw żewġ nisa li kif raw il-karozza tal-Pulizija l-ewwel bdew jgħaġġlu l-pass tagħhom u mbagħad telqu jiġru. Wara li ġabu d-deskrizzjoni tan-nisa rapportati mingħand Abela, marru jfittxuhom u fil-fatt sabuhom u arrestaw lil Omissis u lill-appellanti Serag. Jekk dawn ma kellhom xejn x'jaħbu, għalfejn telqu jiġru?

**24.** Il-verita` hi li kieku ma baqax jiġi rikattat, John Abela ma kien se jirrapporta xejn lill-Pulizija. Għalhekk ir-reazzjoni tiegħu meta sab lil Omissis u lill-appellanti Serag wara l-bieb tiegħu tkompli tagħti kredibilita` lill-verżjoni tiegħu.

**25.** L-appellanti jgħidu li ma hemmx prova tar-ritratti li suppost ittieħdu u li huma jinnegaw li ttieħdu. L-assenza ta' prova dokumentarja ma tfissirx li tali ritratt/i ma kinux jeżistu. Fil-fatt kien fit-tieni okkażjoni (mhux fl-ewwel kif jgħidu l-appellanti) li John Abela jgħid li Omissis ħarġet ritratt u qattgħetu.

**26.** F'dawn iċ-ċirkostanzi t-tieni aggravju huwa miċħud ukoll.

**27.** Kwantu għat-tielet aggravju l-appellanti għandhom raġun. Is-somma elevata mill-Pulizija mill-pussess ta' l-appellanti kellha tintradd lil John Abela u mhux tiġi konfiskata. Għalhekk din il-Qorti se tagħmel tali ordni. It-total elevat kien ta' €4,050. L-ammont totali li rtira mill-banek John Abela kien ta' €15,374.25. Għalhekk il-bilanċ li baqagħlu jieħu hu ta' €11,324.25.

**28.** Kwantu għall-aħħar aggravju, jiġi fl-ewwel lok osservat li l-piena dwar ir-reat kontemplat fl-artikolu 250 tal-Kodiċi Kriminali meta seħħew il-każijiet in eżami kienet ta' priġunerija minn seba' xhur sa tliet snin fejn bit-theddid il-ħati jasal fil-ħsieb tiegħu (fejn it-theddid ma jasalx il-piena kienet ta' priġunerija minn ħames xhur sa tmintax-il xahar).[6] Fil-każ preżenti t-theddid wasal u għalhekk kienet applikabbli l-piena kontemplata fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 250 imsemmi. Jiġifieri meta l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellanti għal sitt xhur priġunerija, kienet qed timponi piena taħt il-minimu stabbilit mil-liġi.

**29.** Waqt it-trattazzjoni, ġie sottomess mid-difiża li l-kwistjoni ta' kemm jista' jkun dovut mill-appellanti kienet kwistjoni li kellha tiġi deċiża *in civilibus*. Pero\` l-liġijiet kriminali ta' pajjiżna jippermettu li l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali jordnaw restituzzjoni jew ħlas ta' kumpens lill-parti leża – l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali (li applikat l-ewwel Qorti), l-artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali (li jrendi d-disposizzjonijiet tal-artikolu 24 ta' l-Att dwar il-*Probation* kull meta persuna tinsab ħatja ta' delitt), u l-istess artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-*Probation*). M'hemmx dubju li l-ammont kollu żborżat minn John Abela hu dovut lilu. Hawn mhix kwistjoni ta' donazzjoni jew ta' self iżda ta' somom li huwa ħallas bil-malizzja tal-komparteċipanti.

**30.** Iċ-ċirkostanzi soċjali forsi preokkupanti tal-komparteċipanti ma tippermettilhomx jakkwistaw il-flus *by any means*. Minn meta seħħew l-inċidenti in kwistjoni għadda żmien suffiċjenti biex l-appellanti jagħmlu almenu tentattiv biex jirrimborżw lil John Abela. Dan m'għamluhx.

**31.** Meħudin iċ-ċirkostanzi kollha flimkien għalhekk din il-Qorti ma tarax li għandha tiddisturba d-diskrezzjoni kif eżerċitata mill-ewwel Qorti għal dik li hi piena.

**32.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu ordnat lil Maria Elena Serag u lil Maria Concetta Zammit iħallsu s-somma ta' ħmistax-il elf Ewro, tliet mija w sebgħa w erbgħin euro,

[6] Bl-Att XXIV tas-sena 2014 il-piena taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 250 żdiedet għal priġunerija minn sena sa erba' snin filwaqt illi taħt is-subartikolu (2) żdiedet għal priġunerija minn tmintax-il xahar sa ħames snin.

ħamsa w għoxrin ċenteżmu (€15,374.25) lil John Abela fi żmien sitt xhur, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; kif ukoll in kwantu ordnat il-konfiska tal-ammont ta' flus elevati mill-Pulizija minn fuq l-imputati fl-ammont ta' erbat elef u hamsin euro (€4,050); u minflok tordna lil Maria Elena Serag u lil Maria Concetta Zammit iħallsu s-somma ta' ħdax-il elf tliet mija erbgħa u għoxrin euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€11,324.25) lil John Abela fi żmien sitt xhur ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; kif ukoll tordna li s-somma ta' erbat elef u hamsin euro (€4,050) elevati mill-Pulizija jitħallsu direttament lill-istess John Abela. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'dan li l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża u l-perijodu li fih għandu jsir il-ħlas imsemmi jibdew jiddekorru millum. Din il-Qorti spjegat lill-appellanti bi kliem ċar ir-responsabbilta` tagħhom taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huma jikkommettu matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, kif ukoll ir-responsabbilta` tagħhom taħt l-artikolu 28H tal-Kap. 9. Tattira l-attenzjoni tar-Reġistratur tal-Qorti għad-dmirijiet tiegħu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.